REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1354/2014

tas-16 ta' Diċembru 2014

li jidderoga mir-Regolamenti (KE) Nru 2305/2003, (KE) Nru 969/2006, (KE) Nru 1067/2008, (KE) Nru 1964/2006, mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 480/2012, u mir-Regolamenti (KE) Nru 828/2009 u (KE) Nru 1918/2006, fir-rigward tad-dati għat-tressiq tal-applikazzjonijiet u l-ħruġ tal-liċenzji ta' importazzjoni fl-2015 skont il-kwoti tariffarji għaċ-ċereali, ir-ross, iz-zokkor u ż-żejt taż-żebbuġa, li jidderoga mir-Regolamenti (KE) Nru 951/2006, fir-rigward tad-dati tal-ħruġ tal-liċenzji ta' esportazzjoni fl-2015 fis-setturi taz-zokkor u tal-isoglukożju li jaqbżu l-kwota, u li jidderoga mir-Regolament (UE) Nru 1272/2009 fir-rigward tal-perjodu għall-eżami tal-offerti għax-xiri tal-qamħ komuni, tal-butir u tat-trab tal-ħalib xkumat bi prezz fiss fil-qafas tal-intervent pubbliku fl-2014 u fl-2015

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1095/96 tat-18 ta' Ġunju 1996, dwar l-implimentazzjoni tal-konċessjonijiet dikjarati fl-iskeda CXL imfassla bħala riżultat tal-konklużjoni tan-negozjati tal-FĠKT (GATT) XXIV.6 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 1 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([2]), u b'mod partikulari l-Artikoli 20(n), 144(g) 178(b), 187(e), u 192(5), tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1528/2007 tal-20 ta' Diċembru 2007 li japplika l-arranġamenti għall-prodotti li joriġinaw f'ċerti stati li huma parti mill-Grupp ta' Stati Afrikani, Karibej u Paċifiċi (AKP) previsti fi ftehim li jistabbilixxu, jew li jwasslu biex jiġu stabbiliti, Ftehim ta' Sħubija Ekonomika ([3]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(5) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008 ([4]), u b'mod partikolari l-Artikolu 18(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 2305/2003 ([5]), (KE) Nru 969/2006 ([6]) u (KE) Nru 1067/2008 ([7]) jipprevedu dispożizzjonijiet speċifiċi għat-tressiq tal-applikazzjonijiet u l-ħruġ tal-liċenzji ta' importazzjoni tax-xgħir skont il-kwota 09.4126, tal-qamħirrum skont il-kwota 09.4131 u ta' qamħ ta' kwalità differenti minn dik superjuri skont il-kwoti 09.4123, 09.4124, 09.4125 u 09.4133.

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1964/2006 ([8]) u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 480/2012 ([9]) jipprevedu dispożizzjonijiet speċifiċi għat-tressiq tal-applikazzjonijiet u l-ħruġ tal-liċenzji ta' importazzjoni tar-ross li joriġina mill-Bangladexx skont il-kwota 09.4517 u tar-ross miksur skont il-kwota 09.4079.

([1]) ĠU L 146, 20.6.1996, p. 1.
([2]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.
([3]) ĠU L 348, 31.12.2007, p. 1.
([4]) ĠU L 303, 31.10.2012, p. 1.
([5]) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2305/2003 tad-29 ta' Diċembru 2003 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwota tariffali għall-importazzjoni ta' xgħir minn pajjiżi terzi (ĠU L 342, 30.12.2003, p. 7).
([6]) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 969/2006 tad-29 ta' Ġunju 2006 li jistabbilixxi kwota tariffarja Komunitarja u mod għall-ġestjoni tagħha għall-importazzjoni tal-qamħirrum minn pajjiżi terzi (ĠU L 176, 30.6.2006, p. 44).
([7]) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1067/2008 tat-30 ta' Ottubru 2008 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffari Komunitarji għal qamħ komuni ta' kwalità differenti minn dik superjuri oriġinanti minn pajjiżi terzi u li tidderoga mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 290, 31.10.2008, p. 3).
([8]) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1964/2006 tat-22 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-ftuħ u l-amministrazzjoni ta' kwota għall-importazzjoni ta' ross li joriġina mill-Bangladexx, b'applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3491/90 (ĠU L 408, 30.12.2006, p. 19).
([9]) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 480/2012 tas-7 ta' Ġunju 2012 li jiftaħ u jipprovdi għat-tmexxija ta' kwota ta' tariffa għal ross miksur (broken rice) ta' kodiċi NK 1006 40 00 għal produzzjoni ta' ħejjijiet tal-ikel ta' kodiċi NM 1901 10 00 (ĠU L 148, 8.6.2012, p. 1).

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 828/2009 ([1]) jistpula dispożizzjonijiet partikolari għat-tressiq ta' applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni ta' prodotti mis-settur taz-zokkor skont il-kwoti 09.4221, 09.4231 u 09.4241 sa 09.4247.

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1918/2006 ([2]) jistipula dispożizzjonijiet partikolari għat-tressiq tal-applikazzjonijiet u l-ħruġ tal-liċenzji tal-importazzjoni taż-żejt taż-żebbuġa skont il-kwota 09.4032.

(5) Meta wieħed iqis il-btajjel tas-sena 2015, jeħtieġ li għal ċerti perjodi tingħata deroga mir-Regolamenti (KE) Nru 2305/2003, (KE) Nru 969/2006, (KE) Nru 1067/2008, (KE) Nru 1964/2006, mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 480/2012, u mir-Regolamenti (KE) Nru 828/2009 u (KE) Nru 1918/2006 f'dak li jirrigwarda d-dati għat-tressiq tal-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni u l-ħruġ ta' dawn il-liċenzji, biex b'dan il-mod ikun żgurat li jitħarsu l-volumi tal-kwoti konċernati.

(6) L-Artikolu 7d(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 951/2006 ([3]) jistipula li l-liċenzji tal-esportazzjoni għaz-zokkor u l-isoglukożju li jaqbżu l-kwota għandhom jinħarġu mill-Ġimgħa ta' wara dik il-ġimgħa li fiha jkunu tressqu l-applikazzjonijiet għal liċenzji, dejjem jekk ma tkun ittieħdet l-ebda miżura partikolari mill-Kummissjoni f'dak il-perjodu.

(7) Meta wieħed iqis il-btajjel tas-sena 2015, u l-konsegwenzi li jirriżultaw mill-pubblikazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, jidher li l-perjodu minn meta jitressqu l-applikazzjonijiet sal-jum meta jinħarġu l-liċenzji huwa qasir wisq biex tkun żgurata ġestjoni tajba tas-suq. Għalhekk jeħtieġ li dan il-perjodu jiġi estiż.

(8) It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 14(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1272/2009 ([4]) jistipula li l-Kummissjoni għandha tiddeċiedi fi żmien jumejn tax-xogħol wara n-notifika msemmija fl-Artikolu 13(1) tal-istess Regolament u fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol wara n-notifika msemmija fl-Artikolu 13(3) tal-istess Regolament. L-intervent pubbliku għall-butir u t-trab tal-ħalib xkumat ġie estiż għall-31 ta' Diċembru 2014 bir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 949/2014 ([5]).

(9) Meta wieħed iqis il-btajjel tas-snin 2014 u 2015 u l-konsegwenzi li jirriżultaw mill-pubblikazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, jidher li l-perjodu għall-eżami tal-offerti huwa qasir wisq biex jiġi żgurat kontroll effettiv tal-kwantitajiet offruti. Għalhekk jeħtieġ li dan il-perjodu jiġi estiż.

(10) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ċereali

1. B'deroga mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 2305/2003, għas-sena 2015, ma jistgħux jitressqu aktar applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni tax-xgħir skont il-kwota 09.4126, wara l-Ġimgħa l-11 ta' Diċembru 2015, fis-13.00, ħin ta' Brussell.

2. B'deroga mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 969/2006, għas-sena 2015, ma jistgħux jitressqu aktar applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni tal-qamħirrum skont il-kwota 09.4131 wara l-Ġimgħa l-11 ta' Diċembru 2015, fis-13.00, ħin ta' Brussell.

([1]) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 828/2009 tal-10 ta' Settembru 2009 li jistpula r-regoli ddettaljati ta' applikazzjoni għas-snin tas-suq 2009/2010 sal-2014/2015 għall-importazzjoni u r-raffinar tal-prodotti taz-zokkor li jinsabu taħt l-intestatura tariffarja 1701 taħt ftehimiet preferenzjali (ĠU L 240, 11.9.2009, p. 14).

([2]) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1918/2006 tal-20 ta' Diċembru 2006 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwota tariffarja għaż-żejt taż-żebbuġa li joriġina mit-Tuneżija (ĠU L 365, 21.12.2006, p. 84).

([3]) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 951/2006 tat-30 ta' Ġunju 2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 dwar il-kummerċ ma' pajjiżi terzi fis-settur taz-zokkor (ĠU L 178, 1.7.2006, p. 24).

([4]) Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1272/2009 tal-11 ta' Diċembru 2009 li jistabbilixxi regoli komuni ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 f'dak li għandu x'jaqsam max-xiri u l-bejgħ ta' prodotti agrikoli taħt intervent pubbliku (ĠU L 349, 29.12.2009, p. 1).

([5]) Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 949/2014 tal-4 ta' Settembru 2014 li jistabbilixxi miżuri temporanji eċċezzjonali għas-settur tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib fil-forma ta' estensjoni tal-perjodu tal-intervent pubbliku għall-butir u t-trab tal-ħalib xkumat fl-2014 (ĠU L 265, 5.9.2014, p. 21).

3. B'deroga mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 1067/2008, għas-sena 2015, ma jistgħux jitressqu aktar applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni ta' qamħ komuni ta' kwalità differenti minn dik superjuri skont il-kwoti 09.4123, 09.4124, 09.4125 u 09.4133, wara l-Ġimgħa l-11 ta' Diċembru 2015, fis-13.00, ħin ta' Brussell.

Artikolu 2

Ross

1. B'deroga mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1964/2006, għas-sena 2015, ma jistgħux jitressqu aktar applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni tar-ross li joriġina mill-Bangladexx skont il-kwota 09.4517 wara l-Ġimgħa l-4 ta' Diċembru 2015, fis-13.00, ħin ta' Brussell.

2. B'deroga mit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 480/2012, għas-sena 2015, ma jistgħux jitressqu aktar applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni tar-ross miksur skont il-kwota 09.4079 wara l-Ġimgħa l-4 ta' Diċembru 2015, fis-13.00, ħin ta' Brussell.

Artikolu 3

Zokkor

B'deroga mill-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 828/2009, ma jistgħux jitressqu aktar applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni wara l-Ġimgħa l-11 ta' Diċembru 2015, fis-13.00, ħin ta' Brussell, u sal-Ġimgħa l-25 ta' Diċembru 2015 fis-13.00, ħin ta' Brussell.

Artikolu 4

Żejt taż-żebbuġa

B'deroga mill-Artikolu 3(3) tar-Regolament (KE) Nru 1918/2006, il-liċenzji tal-importazzjoni taż-żejt taż-żebbuġa li għalihom tressqu l-applikazzjonijiet matul il-perjodi msemmija fl-Anness I ta' dan ir-Regolament, għandhom jinħarġu fid-dati korrispondenti li jidhru hawnhekk, soġġetti għall-miżuri adottati skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 ([1]).

Artikolu 5

Zokkor u isoglukożju li jaqbżu l-kwota

B'deroga mill-Artikolu 7d(1) tar-Regolament (KE) Nru 951/2006, il-liċenzji tal-esportazzjoni taz-zokkor u tal-isoglukożju li jaqbżu l-kwota u li għalihom tressqu l-applikazzjonijiet matul il-perjodi msemmija fl-Anness II ta' dan ir-Regolament, għandhom jinħarġu fid-dati korrispondenti li jidhru hawnhekk, filwaqt li, fejn applikabbli, jitqiesu l-miżuri speċifiċi msemmija fl-Artikolu 9(1) u (2) tal-istess Regolament.

Artikolu 6

Offerti għax-xiri ta' qamħ komuni bi prezz fiss fil-qafas tal-intervent pubbliku

B'deroga mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) Nru 1272/2009, għall-offerti għall-qamħ komuni, innotifikati matul il-perjodi msemmija fl-Anness III ta' dan ir-Regolament, il-perjodu li fih il-Kummissjoni tieħu deċiżjoni wara n-notifika msemmija fl-Artikolu 13(2)(b) u fl-Artikolu 13(3) tal-istess Regolament, jiskadi fid-data li tidher f'dak l-Anness.

Artikolu 7

Offerti għax-xiri tal-butir u tat-trab tal-ħalib xkumat bi prezz fiss fil-qafas tal-intervent pubbliku

B'deroga mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) Nru 1272/2009, għall-offerti għall-butir u għat-trab tal-ħalib xkumat, innotifikati matul il-perjodi msemmija fl-Anness IV, il-Partijiet 1 u 2 ta' dan ir-Regolament, il-perjodu li fih il-Kummissjoni tieħu deċiżjoni wara n-notifika msemmija fl-Artikolu 13(2)(a) u fl-Artikolu 13(3) tal-istess Regolament, jiskadi fid-data li tidher f'dak l-Anness.

([1]) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awwissu 2006 li jistabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni ta' kwoti ta' tariffi fuq l-importazzjoni għal prodotti agrikoli ġestiti b'sistema ta' liċenzji ta' importazzjoni (ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13).

Artikolu 8

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Ir-Regolament għandu jiskadi fl-10 ta' Jannar 2016.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2014.

Għall-Kummissjoni,

F'isem il-President,

Jerzy PLEWA

Direttur Ġenerali tal-agrikoltura u l-iżvilupp rurali

ANNESS I

Perjodi ta' tressiq tal-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni taż-żejt taż-żebbuġa	Dati tal-ħruġ
It-Tnejn, 30 jew it-Tlieta, 31 ta' Marzu 2015	Il-Ġimgħa, 10 ta' April 2015
It-Tnejn, 27 jew it-Tlieta, 28 ta' April 2015	L-Erbgħa, 6 ta' Mejju 2015
It-Tnejn, 11 jew it-Tlieta, 12 ta' Mejju 2015	Il-Ħamis, 21 ta' Mejju 2015
It-Tnejn, 18 jew it-Tlieta, 19 ta' Mejju 2015	L-Erbgħa, 27 ta' Mejju 2015
It-Tnejn, 26 jew it-Tlieta 27 ta' Ottubru 2015	L-Erbgħa, 4 ta' Novembru 2015

ANNESS II

Perjodi ta' tressiq tal-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-esportazzjoni taz-zokkor u tal-isoglukożju li jaqbżu l-kwota	Dati tal-ħruġ
Mit-Tnejn 13 sal-Ġimgħa, 17 ta' Lulju 2015	It-Tlieta, 28 ta' Lulju 2015
Mit-Tnejn, 21 sal-Ġimgħa, 25 ta' Diċembru 2015	Il-Ġimgħa, 8 ta' Jannar 2016

ANNESS III

Data tan-notifika b'rabta mal-offerti għal qamħ komuni skont l-Artikolu 13(2)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1272/2009	Data tan-notifika b'rabta mal-offerti għal qamħ komuni, imsemmija fl-Artikolu 13(3), tar-Regolament (UE) Nru 1272/2009	Tmiem il-perjodu li fih il-Kummissjoni tiddeċiedi dwar l-offerti għal qamħ komuni wara dawk in-notifiki
L-Erbgħa, 1 ta' April 2015		L-Erbgħa, 8 ta' April 2015
	Il-Ħamis, 26 ta' Marzu 2015 Il-Ġimgħa, 27 ta' Marzu 2015 It-Tnejn, 30 ta' Marzu 2015 It-Tlieta, 31 ta' Marzu 2015 L-Erbgħa, 1 ta' April 2015 Il-Ħamis, 2 ta' April 2015 Il-Ġimgħa, 3 ta' April 2015 It-Tnejn, 6 ta' April 2015	It-Tlieta, 7 ta' April 2015 L-Erbgħa, 8 ta' April 2015 Il-Ħamis, 9 ta' April 2015 Il-Ġimgħa, 10 ta' April 2015 It-Tnejn, 13 ta' April 2015 It-Tnejn, 13 ta' April 2015 It-Tnejn, 13 ta' April 2015 It-Tnejn, 13 ta' April 2015
	Il-Ġimgħa, 24 ta' April 2015 It-Tnejn, 27 ta' April 2015 It-Tlieta, 28 ta' April 2015 L-Erbgħa, 29 ta' April 2015 Il-Ħamis, 30 ta' April 2015	It-Tnejn, 4 ta' Mejju 2015 It-Tlieta, 5 ta' Mejju 2015 L-Erbgħa, 6 ta' Mejju 2015 Il-Ħamis, 7 ta' Mejju 2015 Il-Ġimgħa, 8 ta' Mejju 2015
L-Erbgħa, 13 ta' Mejju 2015		It-Tlieta, 19 ta' Mejju 2015
	Il-Ħamis, 7 ta' Mejju 2015 Il-Ġimgħa, 8 ta' Mejju 2015 It-Tnejn, 11 ta' Mejju 2015 It-Tlieta, 12 ta' Mejju 2015 L-Erbgħa, 13 ta' Mejju 2015 Il-Ħamis, 14 ta' Mejju 2015 Il-Ġimgħa, 15 ta' Mejju 2015	It-Tnejn, 18 ta' Mejju 2015 It-Tlieta, 19 ta' Mejju 2015 L-Erbgħa, 20 ta' Mejju 2015 Il-Ħamis, 21 ta' Mejju 2015 Il-Ġimgħa, 22 ta' Mejju 2015 Il-Ġimgħa, 22 ta' Mejju 2015 Il-Ġimgħa, 22 ta' Mejju 2015
	It-Tnejn, 18 ta' Mejju 2015 It-Tlieta, 19 ta' Mejju 2015 L-Erbgħa, 20 ta' Mejju 2015 Il-Ħamis, 21 ta' Mejju 2015 Il-Ġimgħa, 22 ta' Mejju 2015	It-Tlieta, 26 ta' Mejju 2015 L-Erbgħa, 27 ta' Mejju 2015 Il-Ħamis, 28 ta' Mejju 2015 Il-Ġimgħa, 29 ta' Mejju 2015 It-Tlieta, 1 ta' Ġunju 2015

ANNESS IV

PARTI 1

Data tan-notifika b'rabta mal-offerti għal butir u ta' trab tal-ħalib xkumat, imsemmija fl-Artikolu 13(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1272/2009	Data tan-notifika b'rabta mal-offerti għal butir u għal trab tal-ħalib xkumat, imsemmija fl-Artikolu 13(3), tar-Regolament (UE) Nru 1272/2009	Tmiem il-perjodu li fih il-Kummissjoni tiddeċiedi dwar l-offerti għal butir u għal trab tal-ħalib xkumat wara dawk in-notifiki
It-Tnejn, 22 ta' Diċembru 2014		It-Tnejn, 5 ta' Jannar 2015
It-Tnejn, 29 ta' Diċembru 2014		It-Tlieta, 6 ta' Jannar 2015
	It-Tnejn, 22 ta' Diċembru 2014 It-Tlieta, 23 ta' Diċembru 2014 sa Il-Ġimgħa, 2 ta' Jannar 2015	Il-Ħamis, 8 ta' Jannar 2015 Il-Ġimgħa, 9 ta' Jannar 2015

PARTI 2

Data tan-notifika b'rabta mal-offerti għal butir u għal trab tal-ħalib xkumat, imsemmija fl-Artikolu 13(2), il-punt a) tar-Regolament (UE) Nru 1272/2009	Data tan-notifika b'rabta mal-offerti għal butir u għal trab tal-ħalib xkumat, imsemmija fl-Artikolu 13(3), tar-Regolament (UE) Nru 1272/2009	Tmiem il-perjodu li fih il-Kummissjoni tiddeċiedi dwar l-offerti għal butir u għal trab tal-ħalib xkumat wara dawk in-notifiki
	Il-Ħamis, 26 ta' Marzu 2015 Il-Ġimgħa, 27 ta' Marzu 2015 It-Tnejn, 30 ta' Marzu 2015 It-Tlieta, 31 ta' Marzu 2015 L-Erbgħa, 1 ta' April 2015 Il-Ħamis, 2 ta' April 2015 Il-Ġimgħa, 3 ta' April 2015 It-Tnejn, 6 ta' April 2015	It-Tlieta, 7 ta' April 2015 L-Erbgħa, 8 ta' April 2015 Il-Ħamis, 9 ta' April 2015 Il-Ġimgħa, 10 ta' April 2015 It-Tnejn, 13 ta' April 2015 It-Tnejn, 13 ta' April 2015 It-Tnejn, 13 ta' April 2015 It-Tnejn, 13 ta' April 2015
	Il-Ġimgħa, 24 ta' April 2015 It-Tnejn, 27 ta' April 2015 It-Tlieta, 28 ta' April 2015 L-Erbgħa, 29 ta' April 2015 Il-Ħamis, 30 ta' April 2015	It-Tnejn, 4 ta' Mejju 2015 It-Tlieta 5 ta' Mejju 2015 L-Erbgħa, 6 ta' Mejju 2015 Il-Ħamis, 7 ta' Mejju 2015 Il-Ġimgħa, 8 ta' Mejju 2015
	Il-Ħamis, 7 ta' Mejju 2015 Il-Ġimgħa, 8 ta' Mejju 2015 It-Tnejn, 11 ta' Mejju 2015 It-Tlieta, 12 ta' Mejju 2015 L-Erbgħa, 13 ta' Mejju 2015 Il-Ħamis, 14 ta' Mejju 2015 Il-Ġimgħa, 15 ta' Mejju 2015 It-Tnejn, 18 ta' Mejju 2015	It-Tnejn, 18 ta' Mejju 2015 It-Tlieta, 19 ta' Mejju 2015 L-Erbgħa, 20 ta' Mejju 2015 Il-Ħamis, 21 ta' Mejju 2015 Il-Ġimgħa, 22 ta' Mejju 2015 Il-Ġimgħa, 22 ta' Mejju 2015 Il-Ġimgħa, 22 ta' Mejju 2015 It-Tlieta, 26 ta' Mejju 2015
	It-Tlieta, 19 ta' Mejju 2015 L-Erbgħa, 20 ta' Mejju 2015 Il-Ħamis, 21 ta' Mejju 2015 Il-Ġimgħa, 22 ta' Mejju 2015	L-Erbgħa, 27 ta' Mejju 2015 Il-Ħamis, 28 ta' Mejju 2015 Il-Ġimgħa, 29 ta' Mejju 2015 It-Tnejn, 1 ta' Ġunju 2015

Data tan-notifika b'rabta mal-offerti għal butir u għal trab tal-ħalib xkumat, imsemmija fl-Artikolu 13(2), il-punt a) tar-Regolament (UE) Nru 1272/2009	Data tan-notifika b'rabta mal-offerti għal butir u għal trab tal-ħalib xkumat, imsemmija fl-Artikolu 13(3), tar-Regolament (UE) Nru 1272/2009	Tmiem il-perjodu li fih il-Kummissjoni tiddeċiedi dwar l-offerti għal butir u għal trab tal-ħalib xkumat wara dawk in-notifiki
It-Tnejn, 20 ta' Lulju 2015		Il-Ħamis, 23 ta' Lulju 2015
	It-Tlieta, 14 ta' Lulju 2015	L-Erbgħa, 22 ta' Lulju 2015
	L-Erbgħa, 15 ta' Lulju 2015	Il-Ħamis, 23 ta' Lulju 2015
	Il-Ħamis, 16 ta' Lulju 2015	Il-Ġimgħa, 24 ta' Lulju 2015
	Il-Ġimgħa, 17 ta' Lulju 2015	It-Tnejn, 27 ta' Lulju 2015
	It-Tnejn, 20 ta' Lulju 2015	It-Tlieta, 28 ta' Lulju 2015